**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 09/20**
**Data:** It-Tnejn, 14 ta' Settembru 2020
**Ħin:** 17:23hrs
**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku (Mis-18:00hrs)
Amanda Abela- Kunsilliera
Gesmond Baldacchino - Kunsillier (Sat-19:52hrs)
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**Skużati**
Dorcas Camilleri - Kunsilliera
Roderick Caruana - Kunsillier

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| **09.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **09.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **09.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **09.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **09.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **09.06** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **09.07** | **Tenders;** |
| **09.08** | **Ġbir ta' ħgieġ;** |
| **09.09** | **Xogħlijiet;** |
| **09.10** | ***Quarterly Financial Statements;*** |
| **09.11** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **09.12** | **Mozzjonijiet; u** |
| **09.13** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**09. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 09. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li Camilleri ma tistax tattendi għal din il-laqgħa minħabba li għandha *lecture* . | |
| | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li Caruana ma jistax jattendi għal din il-laqgħa minħabba li jinsab ma jiflaħx. | |

**09. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Baldacchino | Il-Minuti 08/20 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 09. 2. 1 | | Chircop: | Minħabba l-Covid l-fondi ta' €2000 li ser jingħataw mill-*Achievement Scheme* mhux ser ikunu jistgħu jintużaw.. Huwa tkellem mal-Ministeru tal-Ugwaljanza sabiex dawn jiġu utilizzati is-Sajf li ġej. | Chircop |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**09. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2 | 5 | 08.02.06 | Chircop: *E.D.E.N. Award* | Chircop informa l-Kunsill li dan l-*award* wasal bil-posta. | Chircop |
| 09. | 2 | 6 | 08.02.07 | Chircop: Plakka man-niċċa ta' San Ġużepp | Chircop qal li saret ċerimonja żgħira sabiex ġiet inawgurata l-plakka fil-preżenza tal-Ministri Hose' Herrera, Owen Bonnici u Carmelo Abela kif ukoll is-Sindku, l-Viċi-Sindku u kunsilliera. | Chircop |
| 09. | 2 | 7 | 08.05.01 | Chircop: Restawr tal-Kappella tas-Salvatur | Chircop qal li hu flimkien mas-Sindku żaru x-xogħolijiet. Hemm problema ta' wires li ser tiġi diskussa mal-Enemalta u x-xogħol mhux ser ikun lest sa' Jannar peress li hemm iktar xogħol milli maħsub. | Chircop |
| 09. | 2 | 8 | 08.12.01 | Chircop Bye law - ħmieġ tal-ħamiem | Inkitbet il-Bye-Law imma għada ma ntbagħtitx. Għandha tiżdied li min ikollu struttura ta' gallinar abbandunat tiġi llegali wkoll. | Chircop |
| 09. | 2 | 9 | 08.02.15 | Caruana: Triq Xrobb l-Għaġin | Caruana qal li dwar ix-xogħolijiet f'din it-triq ittellgħat post fuq il-midja fejn ingħad li ntbagħtet ittra lir-residenti. Is-Sindku rrimarkat li hija bagħtet ittra lill-Ministru Farrugia u li għaliha wieġeb is-Sur Ivan Falzon CEO tal-WSC fejn informaha li ser ikun qed jibgħat ittra lir-residenti ta' Triq Xrobb l-Għaġin u Triq Strejnu. Filfatt l-ittra inbgħatet u l-kontenut tagħha kien dak li s-Sindku kienet diġa nfurmat lill-Kunsill dwaru fil-laqgħa preċedenti. | Caruana Ray |
| 09. | 2 | 10 | 08.04.01 | Caruana: Marki fi Triq Bugħarbiel | Caruana staqsa jekk intbgħatx rapport dettaljat dwar il-ħsarat li saru meta saret it-triq bir-ritratt li nġibdu tal-ħsarat. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jiċċekja l-ħsarat u jibagħat r-rapport. Is-Sindku qalet li hemm bżonn li jsir pjan għat-traffiku f'din iż-żona qabel jiġi deċiż għandiex issir one-way jew le. | Caruana Ray / Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 2 | 11 | 08.05.02 | Caruana: Crash barrier fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok | Caruana staqsa jekk kinx hemm xi żvilupp. Is-Sindku qalet li ser tintbagħt it-talba lill-TM għall-dan. | Sindku |
| 09. | 2 | 12 | 08.03.04 | Fenech: Problema tal-Ħamiem | Fenech qalet li ġew installati gaġeġ fl-Istitut Ġesu Nazzarenu biex jippruvaw jinqabdu u jittieħdu post ieħor. | Fenech |
| 09. | 2 | 13 | 08.02.10 | Fenech: *Blood Donation Unit* | Fenech qalet li kien hemm 24 donatur. | Fenech |
| 09. | 2 | 14 | 08.02.11 | Fenech: *Neutering* tal-annimali | Fenech qalet li l-applikazzjoni saret pero għadna bla risposta dwar il-fondi. Inxtrat *recovery cage* . | Fenech |
| 09. | 2 | 15 | 08.02.14 | Fenech: Vetturi tal-Go To | Fenech staqsiet dwar il-parkeġġ ta' maġenb iz-zuntier. Is-Sindku qalet li saret talba lill-Go To sabiex tinxtara ż-żebgħa ornaġjo u jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill. | Sindku |
| 09. | 2 | 16 | 08.05.08 | Fenech: Skola Sajf | Fenech qalet li x-xelters għall-qtates inżebgħu mill-istudenti li kienu qed jattendu Skola Sajf. Din intlaqgħet tajjeb ħafna mill-istudenti. | Fenech |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 2 | 17 | 08.07.01 | Sindku: *Slow Streetsu European Mobility Week* | Is-Sindlu qalet li ġie iffirmat kuntratt mar-Reġjun Xlokk kif ukoll *Commitment Letter.* Fenech qalet li saret applikazzjoni u ser ningħataw €2000 għall-attivita' li ser issir bejn is-16 u t-22 ta' Settembru waqt il-*European Mobility Week*, fejn fost oħrajn ser isiru sezzjonijiet bir-roti u *Bikeability session*. | Fenech |
| 09. | 2 | 18 | 08.02.15 | Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qalet li tkellmet mal-perit Nicole Vassallo. F'din it-triq sar xogħol ħażin u l-kuntrattut twaqqaf b'nofs ix-xogħol mhux lest. Ser ikun għaddej proċess sabiex jinħareġ tender ieħor u l-asfalt jaqa' taħt ir-responsabilta' ta' TM. | Sindku |
| 09. | 2 | 19 | 08.02.16 | Sindku: *Life Long Learning* | Is-Sindku qalet li dawn ser isiru nhar ta' Ġimgħa u ser jintuża ċ-Ċentru Arti u Artiġjanat peress li l-Istitut Paolo Freirehemm xi problemi. | Camilleri |

**09 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML09/20. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 3 | 1 | | Sindku: Laqgħa mar-Reġjun | Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li waqt il-laqgħa ġiet imtella' bil-polza bandla għall-persuni b'diżabilita' u din intrebħet mill-Kunsill tagħna fejn fil-ġranet li ġejjien ser inkunu qed insibu post adekwat biex din tiġi nstallata. | Sindku |
| 09 | 3 | 2 | | Sindku: Tender ħitan tas-sejjiegħ | Is-Sindku qalet li kien hemm problema bil-kuntrattur li rebaħ it-tender tal-ħitan tas-sejjiegħ (Edelmar) peress li ma kellux biżżejjed fondi sabiex titħallas il-garanzija bankarja. Ser nippruvaw nitolbu permess mid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex naraw il-possibilta' li mmorru għat-tieni kuntrattur li ġie u nitolbuh jekk jistax jaħdimha bl-istess prezz. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 3 | 3 | | Sindku: Ġnien Mikiel Anton Vassalli | Is-Sindku qalet li t-tenders għat-tagħmir tal-logħob tat-tfal ta' Ġnien Mikiel Anton Vassalli qed jiġu evalwati u ser ikunu qed jiġu aġġudikati biex tintgħażel l-aħjar offerta u jkun jista' jibda x-xogħol. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09 | 3 | 4 | | Sindku: Tours b'xejn fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann | Is-Sindku qalet li kellna offerta sabiex ningħataw tours b'xejn għal-gruppi organizzati mill-Kunsill. | |
| 09 | 3 | 5 | | Sindku: Laqgħa mal-Ispettur | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-Ispettur Trevor Micallef fejn issemmew d-diversi abbużi relatati, ma' parkeġġ, droga u storbju fost oħrajn. | Sindku |
| 09 | 3 | 6 | | Sindku: *Fundraising* bejn l-Għaqdiet | Is-Sindku resqet proposta li bħala Kunsill għandna nħeġġu l-għaqdiet taż-Żejtun sabiex isiru ġabriet tal-fondi b'risq il-Malta Community Chest Fund. Il-preżentazzjoni għandha issir fil- 25 ta' Novembru. | Sindku |
| 09 | 3 | 7 | | Sindku: *Smart Technology Benches* | Is-Sindku qalet li ġiet avviċinata mis-Sinjura Sabrina farrugia fejn il-kumpanija tagħha *GSE Technologies* qed toffrilna Smart Technology Bench b'xejn biex jitwaħħal fiż-Żejtun f'post fejn jiġi ndikat. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09 | 3 | 8 | 01 | Sindku: Premju Soċjeta' Ġusta' u Anzjanita' Attiva | Is-Sindku qalet li ser jiġu nominati s-Sur Etienne Schembri għall-Premju Soċjeta' Ġusta u s-Sinjura Joyce Pace għall-Premju Anzjanita' Attiva. | Sindku |
| 09 | 3 | 9 | 24 | Zejtun Corinthians - *Car Wash* | Wara li saret talba għall-permess, dan ġie approvat minn naħa tal-Kunsill. | Sindku |
| **09.** | **4.** | | | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. | 4 | 1 | | Chircop: Ġnien Brejġu | Chircop staqsa jekk hemmx il-ħsieb li dan il-ġnien jiġi rinovat. Is-Sindku qalet li bħalissa qed isir xogħol fuq Ġnien il-Kmandant, Ġnien l-Għannejja Żwieten u Ġnien Mikiel Anton Vassalli. Il-ħsieb huwa li dawn il-ġonna kollha jiġu rinovati inkluż Ġnien Brejġu. Ii diġa għandna d-disinn tal-perit lest. | Sindku |
| 09. | 4 | 2 | | Caruana Ray: Skips fejn il-binjiet f'Ġebel San Martin | Caruana ressaq suġġeriment dwar l-użu ta' żewġ Bins on Wheels sabiex jitpoġġew u jkunu ta' użu mir-residenti tal-binjiet. Dwar dan kien hemm diskussjoni. | |
| 09. | 4 | 3 | | Caruana: Bollards fi Triq A. Cachia Zammit | Caruana reġa staqsa fiex wasalna sabiex nitolbu permess għall-bollards. | |
| 09. | 4 | 4 | | Caruana Ray: bankina fi triq Vendom | Caruana issuġerixxa li ssir biċċa bankina żgħira kif ukoll speed hump peress li l-vetturi qed jinżlu b'veloċita' qawwija. Kien hemm diskussjoni dwar dan u ser naraw x' l-aħjar isir. | |
| 09. | 4 | 5 | | Caruana Ray: Vjal 25 ta' Novembru | Caruana staqsa dwar il-possibilta' li t-traffiku jiġi joħroġ mill-Vjal flok ikun hemm dħul. Dwar dan is-Sindku qalet li diġa ddiskutitha ma' IM u qed nistennew l-approvazzjoni minn TM. | Sindku |
| **09.** | **5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. | 5 | 1 | | Chircop: Linji tal-parkeġġi fi Triq l-Iskola | Chircop talab li għandhom isiru l-linji f'din it-triq peress li dawn għadhom ma sarux. | Sindku |
| **09.** | **6.** | | | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09. | 6. | 1 | | Chircop: Open Streets | Chircop qal li waqt l-attivita' tal-European Mobility Week ser jorganizza tlett mixjiet informattivi madwar iż-Żejtun. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 6. | 2 | | Fenech: *European Mobility Week* | Fenech qalet li l-programm ta' attivitajiet ristretti minħabba l-Covid-19 ser ikunu mqassma hekk:<br>1) L-Erbgħa, 16 ta' Settembru isir il-ftuħ uffiċjali<br>2) Il-Ħamis, 17 ta' Settembru, *online treasure hunt* / rota / mixi / ġiri.<br>3) Il-Ġimgħa, 18 ta' Settembru, *Safety Awareness Campaign* fi Ġnien iż-Żgħożija kif ukoll *street sport.*<br>4) Is-Sibt, 19 u l-Ħadd, 20 ta' Settembru *Bikeability Sessio.*<br>5) It-Tnejn, 21 ta' Settembru Pjazza tan-nies / *Street Sport* / u Promozzjoni tas-Saħħa.<br>6) It-Tlieta, 22 ta' Settembru għeluq b'sezzjoni ta' Zumba b'xejn għall-kulħadd.<br>Fenech żiedet li għall-dawn ser ningħataw €2000 f'fondi kif ukoll hemm il-ħsieb li jsiru *bike stations* jekk ningħataw il-fondi għalihom. | Fenech |
| 09. | 6. | 3 | | Viċi-Sindku: *Weekend break* | Il-Viċi-Sindku qalet li ser isir Weekend Break ieħor bid-dettalji jingħataw iktar il-quddiem. | Viċi-Sindku |
| 09. | 6. | 4 | | Viċi-Sindku: Żejt iż-Żejtun | Il-Viċi-Sindku qalet li ser issir iċ-ċerimonja tal-ftuħ fit-30 ta' Settembru. Ser isiru wkoll workshops sabiex jinġabar iż-żebbuġ bil-parteċipanti jkunu fi gruppi żgħar.<br><br>Il-M.A.F.A ser tipprovdilna lista tas-siġar taż-żebbuġ li għandna fiż-Żejtun kif ukoll ser isir workshop dwar il-kultivazzjoni tas-siġar. Ser isiru wkoll attivitajiet fl-iskejjel kif ukoll kompetizzjoni fuq il-workshop u tingħata memento lil kull klassi. It-tfal ser jittieħdu mawra sal-magħsar taż-żebbuġ.<br><br>Ser issir ukoll kompetizzjoni ta' dieta meditteranja fejn il-parteċipanti iridu jippreżentaw ritratti u filmati tal-proċess waqt li jkunu qed iħejju t-tisjir biż-żejt taż-żebbuġa. Dawn l-attivitajiet ser jinfirxu fuq medda ta' xahar bejn l-aħħar ta', Settembru u l-aħħar ta' Ottubru. | Viċi-Sindku |
| 09. | 6. | 5 | | Fenech: Ġnien l-Għannejja Żwieten | Fenech qalet li qed isiru sezzjonijiet ta' zumba u *aerobics*. | Fenech |
| **09.** | **7.** | | | ***Tenders;*** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 09 | 7 | 1 | | Sejħa għall-ġardinara | Is-Sindku qalet li mill-ewwel sejħa li ħriġna interna ma kienx hemm l-ebda applikazzjoni. Il-Kunsill ser jipproċedi permezz ta'sejħa mal-JobsPlus. | Segretarju Eżekuttiv |
| **09.** | **8.** | | | **Ġbir ta' ħgieġ;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 8. | 1 | Sindku: Ġbir tal-ħġieġ | Is-Sindku qalet li kien hemm problema kbira peress li ħafna residenti ma mxewx mad-direttivi li jinħareġ il-ħġieġ fil-kontenituri tal-plastic. Kellha ssir ġabra addizjonali s-Sibt li ser titħallas minn Wasteserv. | Sindku |

**09. 9. Xogħlijiet;**

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 9. | 1 | Sindku: Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku qalet li beda x-xogħol fuq dan il-vjal. Iltaqgħet mal-perita sabiex jimtlew il-konok il-vojta bis-siġar. Il-bankina mhux ser issir minħabba li fuq il-parir tal-ORN din tagħmel ħsara lill-għeruq li issa huma mikxufin. Ser isir trattament sabiex l-għeruq tas-siġar mal-ġenb tat-triq biex ma jkomplux jinfirxu għat-triq. Qalet ukoll li għaddejja b'diskussjonijiet ma' IM dwar l-immaniġjar tat-traffiku biex dan ikun jista' joħroġ u mhux jidħol kif inhu preżentament. | Sindku |

**09. 10. *Quarterly Financial Statements;***

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 10. | 1 | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-*Quarterly Financial Statements* bejn Jannar u Ġunju 2020 fejn ta rendikont dwar il-ħruġ u d-dħul tal-Kunsill u spjega li kien hemm €50,000 *surplus*. | |

**09. 11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 11. | 1 | Tabella tal-Ħlasijiet 09/20 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 11. | 2 | Talbiet għal Xiri Seduta 09/20 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 11. | 3 | *Petty Cash* - Awwissu 2020 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Awwissu hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €116.65 | Segretarju Eżekuttiv |
| 09. | 11. | 4 | Pagament - Silvar Constructions Ltd | Ġie mressaq u approvat pagament ta' €49,797.94 peress li ma laħaqx iddaħal fl-iskeda tal-pagamenti. | Segretarju Eżekuttiv |

**09 12 Mozzjonijiet; u**

| Riferenza | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|
| 09. | 12 | 1 | | Ma kinx hemm mozzjonijiet x'jitressqu | |

**09 13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit- 20:15pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 13 ta' Ottubru 2020 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5.30pm.

IFFIRMATA

Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv